# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# IMĦALLEF

# ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.

**ILLUM, 27 TA' ĠUNJU 2019.**

**Rikors Nru. 1234/11GM**

**Mario Borg ID 2976M**

**vs**

**Dr Mark Busuttil u PL Veronica Rossignaud li b'digriet tat-23 ta' Jannar 2012 ġew nominati bħala kuraturi deputati biex jirraprezentaw l-eredi in noti ta' Bartholomeo Spiteri u b'digriet tal-4 t'Ottubru, 2013 intervjeniet fil-kawza in statu et terminis is-soċjeta' Middlesea Insurance plc**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat ta' Mario Borg ippreżentat fl-14 ta' Diċembru 2011, fejn espona illi:-

1. L-attur kien involut f'inċident awtomobilistiku nhar is-17 ta' Novembru 2010 li Triq il-Kbira Qormi waqt li kien bil-vettura tiegħu SER 080.

2. Dan issucceda meta persuna oħra Bartholomew Spiteri, ID 326668M ma min l-aatur kellu l-inċident in kwistjoni, tah attakk tal-qalb u miet.
3. A kawza ta' dan l-inċident, l-attur sofra danni konsiderevoli u ta' natura personali u permanenti, kif ser jiġi ppruvat waqt is-smigħ u t-trattazzjoni tal-kawza.

Għaldaqstant ir-rikorrenti jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:-

1. Prevja li tiddikjara lill-konvenuti responsabbli għad-danni subiti
2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur
3. Tikkundanna lkill-konvenuti jħallsu d-danni subiti

Bl-ispejjez u bl-imgħax.

Il-konvenuti ġew inġunti għas-subizzjoni.

Rat ir-Risposta Ġurtamentata tal-kuraturi deputati Av Dr Mark M Busuttil u PL Veronica Rossignaud fejn esponew:

a. Illi l-esponent mhux edott mill-fatti u għalhekk qed jirriservaw li jipprezentaw risposta motivata f'stadju ulterjuri.
b. Salv risposta ulterjuri.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi mhux ikkontestat illi Bartholomeo Spiteri miet b'attakk f'qalbu qabel l-inċident u li aktarx kienet din il-mewt mhux mistennija li kkawżat il-vettura tiegħu tmur fil-karreġġjata l-ħażina u taħbat mal-vettura misjuqa mill-attur. Illi lanqas huwa kkontestat li l-attur kien qiegħed isuq skont ir-regolamenti tat-traffiku u b'mod prudenti u li għalhekk bl-ebda mod ma kien responsabbli għall-inċident in kwistjoni;

Illi l-intervenuta fil-kawża, b'difiża għall-konvenut, tistrieħ fuq **l-Art. 1029 tal-Kodiċi Ċivili** li jiddisponi li "Kull ħsara li tiġri b'**aċċident** jew **b'forza maġġuri**, ibatiha, fin-nuqqas ta' disposizzjoni espressa tal-liġi li tgħid il-kuntrarju, dak illi fuq il-persuna jew il-beni tiegħu tiġri l-ħsara".

Il-**forza maġġuri** hija waħda mill-ġrajjiet li jeskludu r-responsabilita` delittwali, għaliex ma tistax tiġi evitata bl-użu tad-diliġenza normalment mistennija f'sitwazzjoni partikolari. Għalkemm mhux normalment isir hekk fil-kamp ċivili, konċettwalment, il-forza maġġuri tista' tiġi magħżula mill-**każ fortuwitu** (dak li fil-liġi Ngliża jissejjaħ *Act of God*) li hu fatt kollu kemm hu barrani għall-kondotta tal-aġent u tali li jikkostitwixxi l-unika kawża tal-ġrajja. Min-naħa l-oħra, twassal għall-forza maġġuri dik il-ġrajja li, għalkemm ikkawżata mill-aġent, ma tiddependi bl-ebda mod mill-kuxjenza jew ir-rieda tiegħu, billi tiġi pprovokata minn forza irreżistibbli tan-natura. B'danakollu, id-distinzjoni hija iktar ta' siwi akkademiku milli prattiku, għaliex kemm il-każ fortuwitu kif ukoll il-forza maġġuri jrid ikollhom il-karatteristiċi tal-**eċċezzjonalita`, tal-inevitabilita` u, kultant, tal-imprevedibilita`**. Meta l-ġrajja tkun inevitabbli, ikun hemm in-nuqqas tar-rapport ta' kawżalita` bejn il-fatt u d-dannu, u ebda risarċiment ma jkun dovut mill-awtur tal-fatt, għalkemm ikun materjalment parteċipi fl-azzjoni.

Illi kif jgħid il-Malti, wara kulħadd għaref, iżda dan mhux il-qies li bih jitkejjlu l-inevitabilita` u l-imprevedibilita`. Dawn il-fatturi mhumiex imsemmijin direttament mil-leġislatur tal-kodiċi ċivili tagħna, iżda jistgħu jiġu faċilment inferiti mill-artikli 1031 u 1032. Tal-ewwel jgħid li "kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu"; it-tieni artiklu jispjega li "jitqies fi ħtija kull min bl-egħmil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja" (bonuspaterfamilias) u li, bħala regola, ħadd ma jwieġeb għal nuqqas ta' prudenza, ta' diliġenza jew ta' ħsieb fi grad akbar";

Illi għas-soluzzjoni tal-każ quddiem din il-Qorti, jinħtieġ li dawn il-prinċipji ġenerali jiġu applikati għall-każ speċifiku ta' min isofri inabilita` fiżika jew mentali waqt li jkun qiegħed isuq vettura.

Illi f'dan ir-rigward, iċ-**Charlesworth & Percy on Negligence (9 edizzjoni, 1997, para. 3-133** jiċċitaw is-sentenza **Ryan v Youngs** (1938) 1 All E.R. 522 li fiha l-Qorti stabbiliet li "*The sudden death of the driver of a motor vehicle from a cardiac arrest, caused by something like a coronary thrombosis or a severe cerebral haemorrhage, as the result of which an accident happens, can amount to inevitable accident*";

**Massimo Franzoni, Trattato della Responsabilita` Civile – L'Illecito** (it-tieni edizzjoni, 2010) jgħid hekk: "*…e` stato deciso che, quando il malore improvviso dipenda da disturbi noti al conducente affetto da epilessia o da cardiopatia, l'evento poteva essere previsto, quindi e` da escludere che si tratta di un sinistro dovuto a caso fortuito. Diversamente, quando il malore improvviso non sia*

*ricollegabile ad uno stato patologico preesistente o permanente, l'evento di danno e` inevitabile, con la conseguenza che il responsabile puo` invocare vittoriosamente il caso fortuito*."

Il-Franzoni jkompli jgħid li fil-prattika din issarraf fi kwistjoni ta' prova, li fil-fatt hija mixħuta b'qawwa kbira fuq min iġibha bħala difiża tal-azzjoni tiegħu: "*I contrasti tra i guidicati che si possono creare su questa questione derivano, il piu` delle volte, dalla difficolta` sul piano probatorio nel dimostrare l'inevitabilita` dell'evento. E` noto, infatti, che il caso fortuito, "costituendo una ipotesi di esclusione della punibilita`, deve essere rigorosamente provato dall'imputato che lo invochi*";

Illi l-Professoressa Maria Theresa Camilleri spjegat li Bartholomeo Spiteri kien ibati minn pressjoni għolja iżda kien qiegħed jieħu l-kura meħtieġa; li din hi kundizzjoni li jekk teffettwak "*normally you go about your life normally" u li din il-kundizzjoni ma kinitx timpedih milli jkun kapaċi jsuq vettura b'mod normali u dan billi kien qiegħed jieħu l-kura medika (fol 195-196). Il-Professoressa xehdet ukoll li "there was no evidence that there was a problem with the blood supply of the heart; that is ischemia. Ischemia means that the heart does not get as much blood as it needs*"(fol 197);

Illi għalhekk jirriżulta li jikkonkorru l-elementi kollha tal-forza maġġuri; il-mewt ta' Spiteri huwa u jsuq kienet waħda imprevedibbli u inevitabbli għalih;

**Decide:**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiddikjara li l-inċident seħħ minħabba forza maġġuri u konsegwentement tiċħad it-talbiet tal-attur, bl-ispejjeż a kariku tiegħu.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA